## 26 ta' April, 1957

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.;**

**Antonia Scicluna et.** *versus* **Francesco D'Amato et.**

### Eredità — Likwidazzjoni u Diviżjoni — Transazzjoni — Komunjoni tal-Akkwisti — Mara — Retratt — Kuntratt — Art. 1812, 1635 (d), u 1366 (a) tal-Kodiċi Ċivili

*It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir; għalhekk, jekk meta sar l-att ma kienx hemm xi kawża pendenti bejn in-nies li ħadu parti fih, u lanqas ma kienet sejra tinqala' xi kawża bejniethom dwar l-oġġetti fl-istess att indikati, il-kwalifika li tiġi mogħtija lil dak l-att bħala att ta' transazzjoni hija kwalifika impropriament mogħtija. U biex tiġi determinata l-vera natura u essenza tal-att, meta l-isem li tawh il-kontraenti ma jkunx dak li jmissu, għandhom jiġu meħudin in konsiderazzjoni l-elementi tiegħu, biex jiġi stabbilit l-isem reali tiegħu.*

*Jekk mara miżżewġa tiret sehem minn fond, u fil-likwidazzjoni u diviżjoni tal-eredità dak il-fond jiġi assenjat kollu lilha, bl-obligu li, bħala korrispettiv tal-ishma li ma jmissux lilha bħala wirt, hija tħallas dejn tal-eredità, u dak id-dejn fil-fatt jitħallas bi flus tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn dik il-mara u żewġha, dak il-fond hekk akkwistat mill-mara ma jidħolx kollu fl-assi partikulari tagħha, imma f'dak l-assi tidħol biss il-kwota li messha l-mara mill-wirt, fil-waqt li l-kwoti li ma messewx lilha u li ġew akkwistati minnha bil-mod imsemmi jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti, avvolja l-akkwist ikun sar fl-isem tal-mara biss.*

*Lanqas tiswa, biex issostni l-allegazzjoni li anki dawn il-kwoti jidħlu fl-assi partikulari ta' dik il-mara, l-allegazzjoni l-oħra illi, kieku l-fond ġie mibjugħ, il-mara kien ikollha d-dritt li tirkupra bit-titolu tal-konsorzju u tal-konsangwineità, u li f'dak il-każ il-fond ma jidħolx fl-akkwisti; għaliex fil-fatt il-kwoti l-oħra tal-fond ġew għand il-mara bis-saħħa ta' dik l-assenjazzjoni.*

*Għaldaqstant, kuntratt li bih il-werrieta jassenjaw lil mara miżżewġa, li hija waħda mill-werrieta, il-kwota ta' immobili li jmissha bħala waħda mill-eredi, u l-kwoti l-oħra bħala korrispettiv tal-obligazzjoni minnha assunta li tħallas dejn tal-eredità, meta dan sar mhux biex jagħtu tmiem għal kawża li kien hemm bejniethom, u lanqas biex jevitaw kawża li kienet sejra tinqala' bejniethom, jiġi impropjament imsejjaħ att ta' transazzjoni; għax dak mhux att ta' transazzjoni, imma ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-eredità. U l-kwoti li ġik il-mara takkwista billi teżegwixxi dik l-assunzjoni tad-dejn bi flus tal-komunjoni tal-akkwisti, ma jidħlux fl-assi partikulari tagħha, imma jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejna u żewġha.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attriċi, billi fil-15 ta' Awissu 1939 miet Rosario De Alfonso (dok. A), u fil-31 ta' Ottubru 1952 mietet Mary De Alfonso (dok. B); u dawn, bit-testment tagħhom "unica charta" fl-attijiet tan-Nutar Francesco Farrugia tal-25 ta' Settembru 1938, salvi dispożizzjonijiet partikulari, innominaw eredi tagħhom, it-testatur Rosario De Alfonso lill-attriċi oħtu, u t-testatriċi Maria ħalliet bħala eredi tagħha lill-ħutha, li huma l-konvenuti; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, talbet li tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn l-imsemmija Rosario u Maria De Alfonso, billi tiġi dikjarata illi tikkonsisti fil-beni li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; u diviża l-istess komunjoni f'żewġ partijiet ugwali; u assenjata parti waħda lill-attriċi u l-parti l-oħra lill-konvenuti bejniethom; u jiġi nominat nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi, u destinati l-post, il-ġurnata u l-ħin għall-publikazzjoni tal-att. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' April 1953, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-25 ta' Ottubru 1956, li biha ġie deċiż u dikjarat li d-dar numri 42 u 42A. (il-lum 56 u 57) Strada San Luqa, Żurrieq, peress

li tappartjeni lill-assi partikulari ta' Maria De Alfonso, ma tidħolx fil-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejnha u Rosario De Alfonso, żewġha; u ġie ordnat li l-proċess jiġi rinvijat lill-perit legali sabiex ikompli jespleta l-inkariku lilu mogħti fid-9 ta' Ottubru 1953, u l-kawża ġiet imħollija għall-preżentazzjoni tar-rapport; l-ispejjeż baqgħu riżervati għas-sentenza finali; wara li kkunsidrat;

Illi l-kwistjoni prinċipali, anzi l-unika, li hemm bejn il-kontendenti, almenu fil-likwidazzjoni tal-imsemmija komunjoni tal-akkwisti, tirrigwarda proprjetà tad-dar numri 42 u 42A. (il-lum nru. 56 u 58) Strada San Luqa, Żurrieq, li l-attriċi tippretendi li tappartjeni lil dik il-komunjoni, mentri l-konvenuti jsostnu li tappartjeni lill-assi partikulari ta' Maria De Alfonso ;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu (XIII), issottometta illi, in vista tal-konsiderazzjonijiet minnu addotti, dak il-fond ma jaqgħax fl-imsemmija komunjoni, imma kien u baqa' partikulari ta' Maria De Alfonso, salv il-kreditu tal-istess komunjoni — għalkemm ġie minfuq minn flus tal-komunjoni in konsegwenza tal-assenjazzjoni ta' dan il-fond favur Maria De Alfonso, kreditu li jaggrava l-assi partikulari tal-istess Maria De Alfonso;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali u rriflettiet dwar l-argumenti sottomessi "hinc inde", speċjalment fid-dibattitu orali, taqbel mal-konklużjoni tal-perit;

Illi l-attriċi tippretendi li dak il-fond, minħabba l-assenjazzjoni li saret fl-att tal-24 ta' Awissu 1927 (fol. 9), ġie akkwistat minn Maria De Alfonso waqt iż-żwieġ tagħha b'titolu oneruż, in vista tal-obligu li hija assumiet li tħallas is-somma ta' £75 u l-imgħax li kellu jagħti Giuseppe D'Amato fuq dak il-post;

Din il-pretensjoni, però, mhix sostenibbli. Difatti, mill-kumpless tal-provi jirriżulta li dak l-att ma kienx, kif jingħad, vera transazzjoni fis-sens legali, billi ma jirrikorrux fl-operazzjoni li saret ir-rekwiżiti meħtieġa. Lanqas

jista' jingħad li kien hemm ċessjoni jew bejgħ, għaliex jonqsu fiha l-elementi rikjesti, fosthom il-prezz. Fil-fehma tal-Qorti, dak l-att jammonta għal diviżjoni ta' sustanzi provenjenti mill-eredità ta' Giuseppe D'Amato, missier u awtur komuni tal-kontraenti; u peress li d-dar assenjata lil Maria De Alfonso kienet tiswa aktar missehem tagħha tal-wirt, ġie akkollat lilha l-obligu li tħallas id-dejn ta' £75 li kien jaggrava l-istess wirt (ara dep. tal-konvenut Francesco D'Amato fol. 54). Issa, skond l-art. 1365 (Kod. Ċiv.), "fil-komunjoni tal-akkwisti jidħol dak kollu li r-raġel u l-mara jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom". Dan hu l-prinċipju li jirregola din il-materja; u għalhekk ma jidħlux fil-komunjoni l-akkwisti kollha provenjenti minn kawża lukrattiva, bħal ma hi s-suċċessjoni, minħabba wkoll li "sibi autem quisque haereditatem adquirit" (L. 45, § 2, D. de adq. haered.);

Illi l-prinċipju hu applikabbli anki għall-porzjon ta' immobili eċċedenti l-valur tal-kwota ereditarja, anki jekk l-ekwiparazzjoni titħallas bil-flus tal-komunjoni tal-akkwisti; salv dejjem favur din il-kreditu għal dik is-somma. F'dan is-sens hija d-dottrina franċiża. Difatti, Duranton, wara li jenunċja l-prinċipju li l-immobili devoluti per mezz ta' wirt lil wieħed jew l-ieħor mill-miżżewġin fil-kors tażżwieġ jibqgħu proprjetà partikulari tiegħu, josserva illi "ciò è pur anche vero rispetto alla porzione che per effetto della divisione o di un incanto coi suoi eredi si trovi aver avuto (il coniuge) oltre quello che gli sarebbe spettato se questi medesimi immobili fossero stati divisi con una perfetta uguaglianza secondo la parte ereditaria di ciascuno degli eredi, salva alla comunione una compensazione per quel che il coniuge avesse pagato per pareggiamento o prezzo dell'aggiudicazione" (Diritto Civile, Vol. VIII, § 185). U konsegwentement, l-immobili li jkun ġie assenjat jidħol kollu kemm hu, u mhux fil-proporzjon tal-kwota ereditarja biss, fil-patrimonju partikulari tal-konjuġi assenjatarja (ara f'dan is-sens Marcade', Codice Napoleone, art 1404-1416, § 11);

Illi xejn ma jiswa, kif issottometta d-difensur tal-attriċi fid-dibattitu orali, illi l-konvenuti ma jistgħux, almenu f'din il-kawża, jimpunjaw id-dikjarazzjoni minnhom stess magħmula fl-imsemmi kuntratt tal-24 ta' Awissu 1927; għaliex, proprjament, non si tratta ta' impunjattiva, imma ta' interpretazzjoni ta' dak l-att, li skond il-prinċipji stabbiliti mid-dottrina u rikonoxxuti mill-ġurisprudenza, "per dare la giusta denominazione ad un contratto si deve avere riguardo non al nome ed alla forma che i contraenti gli avessero dato, ma bensì agli elementi che stabbiliscono il suo vero carattere" (Kollez. VI, paġ. 4) Di pjù, si tratta hawnhekk tal-"actio familiae erciscundae", li tolqot "omne jus quod defunctus habuerit", u kwindi l-kwistjonijiet kollha li għandhom relazzjoni ma' dak il-wirt (Kollez. XXX-II-203; XXX-I-19); u billi l-kontendenti kollha f'dan ix-xorta ta' ġudizzju huma kollha atturi u konvenuti fl-istess ħin, anki trattandosi ta' impunjattiva, jistgħu jipproċedu "ope exceptionis" (Kollez. XXIX-II-743);

Illi mbgħad, anki jekk "ex hypothesi" l-kuntratt fuq imsemmi kellu jitqies bħala transazzjoni, il-konklużjoni tibqa' l-istess. Difatti, huwa magħruf illi t-transazzjoni mhix traslattiva, imma biss dikjarattiva; "certifica solo", kif jgħid Troplong, "un diritto precedentemente dubbio"; "est sola liberatio controversiae" (Contratto di Matrimonio, §511). Tista' talvolta tkun traslattiva "solo quando", kif jipotizza l-istess awtur, "il coniuge che abbandona un diritto certo ricevesse un immobile su cui non avesse né diritto né possesso. Allora l'immobile é coacquisto, ché, indagando, come vuole Lebrun, il pensiero della transazione, si trova qui che crea un diritto nuovo, e non si può dire che essa 'est sola liberatio controversiae'" (op. ċit., §512). Issa, fil-każ tagħna mhux biss ma rriżultax li kien hemm "res dubia", u li kien hemm jew kienet sejra ssir kawża; anzi rriżulta li l-fond assenjat lil Maria De Alfonso kien possedut in komune minnha u minn ħutha, il-koll werrieta ta' Giuseppe D'Amato missierhom, u f'din il-kwalità l-istess Maria De Alfonso kellha dritt għal kwota minn dak il-fond, u l-kun-

tratt tal-1927 serva unikament biex hija takkwista fil-kwota ereditarja tagħha l-fond kollu;

Illi dina l-konsiderazzjoni ġġib magħha konsegwenza oħra, jiġifieri li l-fond ma jidħolx fl-akkwisti, għaliex ipperv-jena u mess lil Maria De Alfonso bis-saħħa ta' titolu li kell-ha qabel iż-żwieġ tagħha (art. 1366(2) Kod. Ċiv.). Difatti, irriżulta mix-xhieda tal-konvenut Francesco D'Amato (fol. 53) illi Maria żżewġet ma' Rosario De Alfonso wara li mie-tu l-ġenituri komuni, u għalhekk id-dritt tagħha għal dak il-wirt, u eventwalment għall-assenjazzjoni tal-fond in di-żamina, kien ġa jikkompeti lilha skond il-liġi;

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi, u rat il-petizzjoni tagħ-ha fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi deċiż li d-dar fuq imsemmija ta' Strada San Luqa, Żurrieq, tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejn Rosario u Maria De Alfonso; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'kuntratt li sar għand in-Nutar Francesco Farru-gie fl-14 ta' Awissu 1927 (fol. 9), il-konvenuti, flimkien ma' huhom Alessandro, assenjaw lill-oħthom Maria mart Ro-sario De Alfonso l-imsemmija dar b'ġardina magħha fi Strada San Luqa, numri 42 u 42A. (il-lum 56 u 67), bħala suġġetta għaċ-ċens li jagħlaq ta' £2 fis-sena, u bl-obligu li tħallas il-kapital ta' £75, bl-imgħax relattivi tal-5% fis-sena mill-imsemmi jum 14 ta' Awissu 1927, li missierhom Giu-seppe D'Amato kien issellef biex jixtri l-imsemmi fond fl-atti tal-istess Nutar Farrugia tat-22 ta' Awissu 1909. Bl-istess att tal-14 ta' Awissu 1927, MariaDe Alfonso ċediet u assenjat lill-ħutha Francesco, Alessandro, Annunziato, u Michel'Angelo, "le due barche da pesca e tutti gli att-rezzi da pesca loro pervenuti dalla successione di loro pad-re Giuseppe D'Amato". Kif diġà ngħad, l-imsemmi fond kien ġie akkwistat minn Giuseppe D'Amato fl-atti Farrugia tat-22 ta' Awissu 1909, minn għand Gio Maria Spiteri;

Ikkunsidrat;

Illi l-imsemmi kuntratt tal-14 ta' Awissu 1927 (fol. 9) ġie kwalifikat bħala att "di transazione"; u skond il-liġi (art. 1812 Kodiċi Ċivili), it-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet b'xi ħaġa li jagħtu, iwegħdu jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir. Billi ma jirriżultax li meta sar dak l-att kien hemm xi kawża pendenti bejn in-nies li ħadu parti fih, jew kienet sejra tinqala' xi kawża bejniethom dwar l-oġġetti fl-istess att indikati, il-kwalifika ta'transazzjoni ġiet lilu impproprjament mogħtija. u biex tiġi determinata l-vera natura u essenza ta' att, meta l-isem li tawh il-kontraenti ma jkunx dak li jmissu, għandhom jiġu meħudin in konsiderazzjoni l-elementi tiegħu, biex jiġi stabbilit l-isem reali tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi l-imsemmi fond fi Strada San Luqa, Żurrieq, kien ġie akkwistat minn Giuseppe D'Amato bi flus li huwa kien issellef, u li kien għadu ma ħallasx sal-mewt tiegħu. Dak il-fond, għalhekk, kien jidħol fil-wirt ta' Giuseppe D'Amato oberat bid-debitu fuq imsemmi, u fl-istess wirt ma jidherx li kienu kompriżi oġġetti oħra barra miż-żewġ kajjikki u ordenji tas-sajd li fl-istess att tal-14 ta' Awissu 1927 ġew assenjati lill-appellati Francesco, Michel'Angelo, u Annunziato aħwa D'Amato, u lill-ħuhom Alessandro. Huwa evidenti li b'dak l-att it-tfal ta' Giuseppe D'Amato, li milli jidher kienu jinġiebu ħafna bejniethom, riedu jillikwidaw bonarjament il-pendenzi tagħhom kollha derivanti mis-suċċessjoni ta' missierhom; u dan għamluh billi lit-tfal is-subien, li huma sajjieda, ġew assenjati ż-żewġ kajjikki u l-ordenji tas-sajd fuq imsemmjin, lill-oħthom Maria De Alfonso il-post in kwistjoni, li fih kienet tabita, u lit-tifla l-oħra Carmela Mallia ma ġie assenjat xejn, billi fiż-żwieġ tagħha kienet ħadet xi ħaġa b'dota u billi ma riedet xejn minn ta' missierha għax ma kienetx fil-bżonn. Skond ix-xhieda tal-appellat Francesco D'Amato (fol. 54), dawk il-kajjikki kienu qodma u ma tantx kienu jiswew, mentri l-ordenji tas-sajd kienu jiswew ftit iżjed minn £20;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġa ngħad, l-assenjazzjoni tal-imsemmi fond Strada San Luqa, Żurrieq, saret lil Maria De Alfonso bil-patt li hija kellha tħallas id-debitu ta' £75, bl-imgħax tal-5% minn dak inhar tal-att, li missierha Giuseppe D'Amato kien ikkuntratta biex xtara dak l-istess fond. Fuq l-imsemmi att tal-14 ta' Awissu 1927 il-kontraenti ddikjaraw li "detto immobile per tassa di bollo è del valore li lire sterline settantacinque", u dan wara li ġew ċerzjorati minn nutar dwar "l'importanza della veracità di tale dichiarazione". Billi l-fond, skond l-ammissjoni tal-kontraenti, kien jiswa £75, u billi ġie assenjat lil Maria DeAlfonso bl-obligu li tħallas dik is-somma, l-appellanti ssostni li dak il-fond ippervjena lil Maria De Alfonso b'titolu oneruż, u konsegwentement jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti tagħha u ta' żewġha, skond id-dispożizzjoni 1635 (d) tal-Kodiċi Ċivili. Skond din id-dispożizzjoni, jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti kwalunkwe ħaġa li tkun ġiet akkwistata bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti, għalkemm l-akkwist ta' dik il-ħaġa jkun sar fl-isem ta' wieħed mill-konjuġi biss. L-appellanti, minn naħa tagħhom, isostnu li bl-imsemmi att tal-14 ta' Awissu, 1927 saret id-diviżjoni tal-beni ereditarji bejn l-eredi ta' Giuseppe D'Amato u f'dik id-diviżjoni lil Maria De Alfonso, bħala waħda mit-tfal tiegħu, ġie assenjat il-fond in kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, kien x'kien il-veru karattru tal-att tal-14 ta' Awissu 1927, huwa indubitat li f'dak l-att il-fond in kwistjoni, skond id-dikjarazzjoni tal-kontraenti, ġie valutat fis-somma ta' £75, u li lill-kumparenti Maria De Alfonso ġie assenjat bl-obligu li tħallas dik l-istess somma lill-kreditur Gio Maria Spiteri. Għalhekk, Maria De Alfonso akkwistat dak il-fond billi obligat ruħha li tħallas il-valur tiegħu; u dak l-akkwist sar b'titolu oneruż. Huwa veru li bl-imsemmi att il-kontraenti tterminaw il-komunjoni ta' bejniethom fuq l-istess fond. iżda mill-istat ta' komunjoni wieħed jista' joħ-

roġ bil-mezzi kollha permessi mill-liġi; u fost dawk il-mezzi jidħlu anki dawk b'titolu oneruż. Huwa wkoll veru li fl-att tal-14 ta' Awissu 1927, in vista tal-konsiderazzjonijiet premessi, l-appellati, flimkien ma' ħuhom Alessandro, sostanzjalment biegħu u ttrasferew lill-oħthom Maria De Alfonso il-fond fuq imsemmi bil-prezz ta' £75, li hija ġiet delegata tħallas, bl-imgħax mill-ġurnata tal-att, lill-kreditur Gio Maria Spiteri. Din is-somma, li Maria De Alfonso obligat ruħha li tħallas, kienet ugwali għall-valur attribwit lill-fond fuq l-att; u għalhekk ma tistax tiġi meqjusa bħala ekwiparazzjoni, li tirrispekkja d-differenza bejn il-valur tal-beni assenjati u dak tal-valur tal-porzjoni li tmiss lill-assenjatarju;

Ikkunsidrat;

Illi Giuseppe D'Amato miet fit-22 ta' Novembru 1925 (fol. 140), u ż-żwieġ ta' Maria De Alfonso sar fil-15 ta' Jannar 1927 (fol. 142). L-imsemmi D'Amato ħalla sitt itfal; jiġifieri l-erbgħa konvenuti, Alessandro D'Amato, u l-imsemmija Maria De Alfonso. Kull wieħed minn dawn is-sitt itfal kellu sest indiviż (1/6) mis-sustanzi ereditarji ta' missieru; u għalhekk, meta Maria De Alfonso żżewġet, hija, bħala waħda mill-werrieta ta' missierha, kellha sest (1/6) indiviż mill-fond in kwistjoni, li kien ġej mill-wirt tiegħu. Dak is-sest indiviż kien jispetta lilha minn qabel iż-żwieġ tagħha, u għalhekk ma kienx jidħol fl-akkwisti li għamlet ma' żewġha, skond id-dispożizzjoni tal-art. 1366(2) tal-Kodiċi Ċivili. Għalkemm hija, kif fuq rivelat, bl-imsemmi att tal-14 ta' Awissu 1927, akkwistat b'titolu oneruż il-fond kollu, iżda dak l-akkwist ma setgħax jikkomprendi dak is-sest (1/6) indiviż li kien tagħha minn qabel, u li kien ilu tagħha minn mindu ddevolvjet lilha, bil-mewt ta' missierha, dik il-porzjoni mill-eredità tiegħu. Għalhekk, l-imsemmi fond, limitatament għal dak is-sest indiviż, ma għandux jitqies li daħal fil-komunjoni tal-akkwisti ta' Maria De Alfonso u żewġha;

Illi l-appellati, fuq l-iskorta tar-relazzjoni peritali adoperata mill-Ewwel Qorti, qegħdin isostnu li fil-każ li l-imsemmi fond ġie mibjugħ, Maria De Alfonso kien ikollha

dritt li tirkuprah bit-titolu ta' konsorzju u ta' konsangwineità, u f'dak il-każ il-fond ma kienx jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti, għaliex ġie deċiż minn dawn it-tribunali illi l-fond irkuprat waqt iż-żwieġ ma jappartjenix lill-komunjoni tal-akkwisti, imma lill-konjuġi li kellu t-titolu u d-dritt għall-irkupru tal-fond. Dan il-prinċipju ġie affermat minn din il-Qorti fil-kawża "Lanzon vs. Dr. Vassallo ne.", deċiża fit-2 ta' Marzu 1894 (Vol. XIV, paġ. 145), fejn jingħad ukoll hekk:— "Nel caso presente, però, l'acquisto non ebbe luogo per via di retratto, la vendita fu fatta col consenso libero del venditore......, e di Rosa compratrice; e in diritto, pertanto, la cosa comprata passò alla comunione fra Rosa e Pietro, come se le fosse stata venduta, senza riguardo al diritto di retratto che le competeva";

L-istess sentenza tgħid li każ simili ġie kontemplat mil-Voet (Lib. 18, Tit. 3, De Lege Commissoria, no. 18), u ġie minnu riżolut fis-sens li l-fond jidħol fil-komunjoni; "ma sciolto il matrimonio, il coniuge al quale spetta il diritto, può ricuperarlo per intero dall'altro coniuge o dai suoi eredi, esercitando quel diritto di retratto entro il termine dalla legge (li għalħa l-attur kien qiegħed jalludi) determinato". F'dik is-sentenza din il-Qorti ma dehretx persważa li dan seta' jsir skond il-liġi tagħna; u infatti kompliet tgħid hekk: "Che se, secondo la legge di queste Isole, Rosa avesse potuto allo scioglimento del suo matrimonio ritrarre quel fondo, non vi è luogo di esaminare; poichè essa, lungi dal tentare l'esercizio di quel diritto, lasciò il fondo nella condizione in cui era al tempo dell'acquisto, e nell'occasione degli atti di subasta che terminarono colla liberazione a favore del convenuto di tutti i beni di cui in questa causa si tratta, essa stessa, col ricorso esibito a fol. 87 del processo chiese, e indi, col relativo decreto della rispettiva Corte, ottenne, la notificazione degli atti ai figli ed eredi di Pietro Ellul, dichiarando che dei beni suddetti era comproprietario, e rinunziando così a qualunque diritto che avesse potuto avere per reclamare la totalità della porzione che aveva,

ċome si è detto, comprato da Raffaele Attard, suo fratello". Fil-każ in eżami jirrikorru l-istess ċirkustanzi, bl-istess konsegwenzi; billi, kif jidher mid-dokument fil-fol. 33 tal-proċess, wara l-mewt ta' Rosario De Alfonso, l-armla tiegħu, Maria De Alfonso, fid-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu ddikjarat li, fost ħwejjeġ oħra, kienet tikkomprendi "nofs Dar iż-Żurrieq, Triq San Luqa, bil-ġardina magħha, numri 56 u 57", jiġifieri l-fond li hemm din il-kwistjoni fuqu;

Ikkunsidrat;

Illi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, l-imsemmija dar għandha titqies li tappartjeni lill-assi partikulari ta' Maria De Alfonso kwantu għal sest (1/6) indiviż biss, u kwantu għall-ħames sesti (5/6) indiviżi l-oħra tidħol fil-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn l-istess Maria De Alfonso u Rosario De Alfonso, żewġha. u f'dan is-sens l-appell tal-attriċi għandu jiġi milqugħ.

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tiddeċidi u tiddikjara li d-dar bil-ġardina magħha numri 42 u 42A (il-lum 56 u 57) Strada San Luca, il-lum Triq San Luqa, Żurrieq, tappartjeni kwantu għal sest (1/6) indiviż lill-assi partikulari ta' Maria De Alfonso, u kwantu għall-ħames sesti (5/6) indiviżi l-oħra tidħol fil-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn l-istess Maria De Alfonso u żewġha Rosario De Alfonso; u biss f'dan is-sens tilqa' l-appell tal-attriċi u tirriforma is-sentenza appellata;

L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu kwantu għal sest (1/6) mill-attriċi appellanti, u kwantu għall-kumplament mill-konvenuti appellati;

Tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.